32005R2167

28.12.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 345/11

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2167/2005

ta' l-20 ta' Diċembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/2004 li jimponi dazji *anti-dumping* definittivi fuq importazzjonijiet tat-tereftalat tal-polietilen ("PET") li joriġina, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma oggett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Il-miżuri attwalment fis-seħħ fuq importazzjonijiet fil-Komunità tat-tereftalat tal-polietilen ("PET") li joriġina, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), huma dazji *anti-dumping* definittivi imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2004[1]. B'mod konformi ma' l-istess Regolament, ġew imposti wkoll dazji *anti-dumping* fuq importazzjonijiet tal-PET li joriġina fir-Repubblika ta' l-Awstralja.

B. INVESTIGAZZJONI ATTWALI

1. Talba għal reviżjoni

(2) Wara l-impożizzjoni ta' dazji *anti-dumping* definittivi fuq importazzjonijiet tal-PET li joriġina fir-RPĊ, il-Kummissjoni rċeviet talba biex tibda reviżjoni ta' "esportatur ġdid" tar-Regolament (KE) Nru 1467/2004, b'mod konformi ma' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, mingħand Jiangyin Chengsheng New Packing Material Co., Ltd (l-"applikant"). L-applikant sostna li huwa ma kien relatat ma' l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ soġġett għall-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ fir-rigward tal-PET. Barra minn hekk, huwa sostna li huwa ma kienx esporta PET lejn il-Komunità tul il-perijodu ta' l-investigazzjoni oriġinali ("il-PI oriġinali", jiġifieri l-perijodu mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2003), imma kien beda jesporta l-PET lejn il-Komunità wara dan il-perijodu.

[1] ĠU L 271, 19.8.2004, p. 1.

2. Bidu ta' reviżjoni ta' "esportatur ġdid"

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza ppreżentata mill-applikant u qisitha biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u wara li l-industrija kkonċernata tal-Komunità kienet ingħatat l-opportunità li tikkummenta, il-Kummissjoni bdiet, bir-Regolament (KE) Nru 523/2005[1], reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1467/2004 fir-rigward ta' l-applikant u bdiet l-investigazzjoni tagħha.

(4) B'mod konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni li jagħti bidu għar-reviżjoni, id-dazju *anti-dumping* ta' EUR 184/t impost bir-Regolament (KE) Nru 1467/2004 fuq importazzjonijiet tal-PET iffabbrikat mill-applikant kien revokat. Fl-istess ħin, b'mod konformi ma' l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet doganali kienu ordnati jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw tali importazzjonijiet.

3. Prodott ikkonċernat

(5) Il-prodott ikkonċernat bir-reviżjoni attwali huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw fir-RPĊ ("investigazzjoni oriġinali"), jiġifieri PET b'numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, skond l-Istandard 1628-5 ta' l-ISO, ikklassifikat taħt il-Kodiċi NM 3907 60 20.

4. Partijiet ikkonċernati

(6) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-applikant u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur bil-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jwasslu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jiġu mismugħin.

---

[1] ĠU L 84, 2.4.2005, p. 9.

(7) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll formula ta' talba għal trattament ta' operatur fl-ekonomija tas-suq ("MET") u kwestjonarju lill-applikant u rċeviet risposti fiż-żmien stipulat għal dak l-iskop. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa biex tistabbilixxi *dumping*, inkluża t-talba tal-MET u saret żjara ta' verifika fil-postijiet ta' l-applikant.

5. Perijodu ta' investigazzjoni

(8) L-investigazzjoni tad-*dumping* kopriet il-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004 ("il-perijodu ta' l-investigazzjoni" jew "PI").

Ċ. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Kwalifika ta' "esportatur ġdid"

(9) L-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant ma kienx esporta l-prodott ikkonċernat waqt il-PI oriġinali u li kien beda jesporta lejn il-Komunità wara dan il-perijodu.

(10) Barra minn hekk, l-applikant irnexxielu juri li hu ma kien relatat ma' l-ebda esportatur jew produttur fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw fir-RPĊ.

(11) F'dan il-kuntest, huwa ikkonfermat li l-applikant għandu jitqies bħala "esportatur ġdid" skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

2. Trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET")

(12) B'mod konformi ma' l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet *anti-dumping* rigward importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ, valur normali jkun determinat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' l-imsemmi Artikolu għal dawk il-produtturi li nstabu li kienu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fejn jintwera li l-kundizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq jipprevalu fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ ta' prodott simili. Dawn il-kriterji huma stabbiliti hawn taħt f'forma mqassra:

– isiru deċiżjonijiet kummerċjali bi tweġiba għal sinjali tas-suq, mingħajr interferenza sinifikanti ta' l-Istat, u l-ispejjeż jirriflettu l-valuri tas-suq;

– id-ditti jkollhom sett ċar wieħed ta' rekords bażiċi tal-kontabilità li jiġu vverifikati b'mod indipendenti skond l-istandards tal-kontabilità internazzjonali ("IAS") u dawn jiġu applikati għall-iskopijiet kollha;

– ebda distorsjoni miġjuba mis-sistema ta' l-ekonomija mhux tas-suq;

– liġijiet ta' falliment u proprjetà jiggarantixxu stabbiltà u ċertezza legali;

– ir-rati tal-kambju jsiru bir-rati tas-suq.

(13) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja u ivverifikat l-informazzjoni kollha ppreżentata fl-applikazzjoni tal-MET fil-bini tal-kumpannija in kwistjoni.

(14) L-investigazzjoni wriet li l-ħames kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku ġew sodisfatti mill-applikant. Għalhekk ġie kkunsidrat li kellu jingħata MET lill-applikant.

3. *Dumping*

Determinazzjoni tal-valur normali

(15) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet jekk it-total tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat magħmul mill-applikant kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ totali ta' l-esportazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku kien ikkunsidrat rappreżentattiv meta l-volum ta' bejgħ domestiku totali kien ta' l-anqas 5% tal-volum tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-PET kien mibjugħ domestikament mill-applikant f'volumi rappreżentattivi globalment.

(16) Ma saret ebda distinzjoni bejn it-tipi għall-prodott ikkonċernat. Għalhekk ma kienx hemm bżonn li jsiru verifiki addizzjonali dwar jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed fuq il-bażi ta' tip b'tip għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(17) Saret ukoll verifika ta' jekk il-bejgħ tal-PET mibjugħ domestikament fi kwantitajiet rappreżentattivi setax ikun meqjus bħala li sar fil-kors ordinarju tan-negozju, billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt tal-PET lil konsumaturi indipendenti. Minħabba li l-volum ta' bejgħ bi profitt tal-PET kien jirrappreżenta iktar minn 80% tal-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-PET, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku reali, ikkalkulat bħala l-medja ppeżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu tal-PET magħmul waqt il-PI, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx bi profitt jew le.

(18) Konsegwentement, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet, imħallsa jew pagabbli, fuq is-suq domestiku tar-RPĊ.

Prezz ta' l-esportazzjoni

(19) Il-prodott ikkonċernat kien esportat direttament lil konsumaturi indipendenti fil-Komunità. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni attwalment imħallsa jew pagabbli.

Paragun

(20) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ġew imqabbla fuq bażi *ex-works*. Għall-iskop li jkun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret il-konċessjoni dovuta f'forma ta' aġġustamenti għal differenzi li jaffettwaw il-paragun tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fil-każijiet kollha ngħataw aġġustamenti xierqa fejn dawn instabu li kienu raġjonevoli, preċiżi u appoġġjati b'evidenza ivverifikata.

Marġni ta' dumping

(21) Kif previst taħt l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju ppeżat tqabbel mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju ppeżat tal-prodott ikkonċernat.

(22) Il-paragun wera l-eżistenza ta' *dumping*. Dan il-marġni tad-*dumping* espress bħala perċentwali tal-prezz nett ħieles-fuq-il-fruntiera-tal-Komunità, dazju mhux imħallas, għal Jiangyin Chengsheng New Packing Material Co., Ltd huwa ta' 5,6%.

D. EMENDA TAL-MIŻURI LI QED JIĠU RIVEDUTI

(23) Fid-dawl tar-riżultati ta' l-investigazzjoni, huwa kkunsidrat li għandu jkun impost dazju *anti-dumping* definittiv għall-applikant fil-livell tal-marġni tad-*dumping* misjub.

(24) Rigward il-forma tal-miżura, kien ikkunsidrat li d-dazju *anti-dumping* emendat għandu jieħu l-istess forma bħad-dazji imposti mir-Regolament (KE) Nru 1467/2004. Kien stabbilit li l-prezzijiet tal-PET jistgħu jvarjaw skond il-flutwazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt mhux raffinat. Għalhekk kien ikkunsidrat xieraq li jkunu imposti dazji f'forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata. Sussegwentement, id-dazju *anti-dumping*, ikkalkulat abbażi tal-marġni tad-*dumping* espress bħala perċentwali, għal importazzjonijiet tal-PET mingħand Jiangyin Chengsheng New Packing Material Co., Ltd huwa ta' EUR 45 għal kull tunnellata.

(25) Il-marġni tad-*dumping*, stabbilit għall-PI, ta' 5,6% huwa taħt il-livell ta' l-eliminazzjoni tad-dannu madwar il-pajjiż kollu ta' 27,3%, li kien stabbilit għar-RPĊ fl-investigazzjoni oriġinali. Huwa għalhekk propost li jiġi impost dazju fil-livell ta' 45 EUR għal kull tunnellata, li huwa bbażat fuq il-marġni tad-*dumping* ta' 5,6%, u li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2004 ikun għaldaqstant emendat.

E. INTAXXAR RETROATTIV TAD-DAZJU *ANTI-DUMPING*

(26) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, id-dazju *anti-dumping* applikabbli għall-applikant għandu jiġi ntaxxat b'mod retroattiv fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li saru soġġetti għal reġistrazzjoni skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 523/2005.

F. ŻVELAR

(27) Il-partijiet ikkonċernati kienu infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien intenzjonat li jkun impost fuq importazzjonijiet tal-PET mill-applikant dazju *anti-dumping* definittiv emendat u li dan id-dazju jiġi ntaxxat b'mod retroattiv fuq importazzjonijiet magħmula soġġetti għal reġistrazzjoni. Fejn xieraq il-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati u meqjusa.

(28) Din ir-revizjoni ma taffettwax id-data li fiha jiskadu l-miżuri imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2007 b'mod konformi ma' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2004 hija b'dan emendata biż-żieda ta' dan li ġej:

Pajjiż	Kumpannija	Rata ta' dazju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	**Jiangyin Chengsheng New Packing Material Co., Ltd**	45 EUR/t	A510

2. Id-dazju impost b'dan għandu jiġi ntaxxat ukoll b'mod retroattiv fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li kienu reġistrati skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 523/2005.

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina iffabbrikat minn Jiangyin Chengsheng New Packing Material Co., Ltd.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kunsilll
Il-President

B. BRADSHAW